MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Numru. 65/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**

**KONTRA**

**MARK SCERRI iben Joseph u Maria Rosaria xebba Thomas, imwieled Tal-Pieta' nhar l-1 ta' April, 1977, residenti Redentur, First Dawn Court, Triq il-Qaliet, Wied il-Ghajn, detentur tal-karta tal-identita' numru 178977M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mark Scerri** li gie akkuzat talli:

a. Nhar it-22 ta' Jannar, 2004, ghall-habta ta' 3.45 ta' wara nofsinhar, fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, bil-hsieb li

jikkometti delitt, u cioe' serq ikkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li jiskorri Lm1,000.00 minn fond bl-isem ta' Expressions, ghad-detriment ta' Muscat Azzopardi Christine, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

b. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li hija ta' anqas minn Lm50.00 (hamsin lira Maltin) saret ghad-detriment tal-istess Muscat Azzopardi Christine;

c. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser zewg provvedimenti ta' Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta) b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 18 ta' Lulju, 2002; u 25 ta' April, 2003, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, fejn huwa kien gie misjub hati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin u fi zmien sentejn(2) rispettivament;

d. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-provvediment ta' Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum Artikolu 22 tal-Kapitolu 446) b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 27 ta' Novembru, 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, fejn huwa kien misjub hati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin;

e. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c), 263, 267, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi moqrija l-Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Ikkunsidrat:

Illi tnejn huma l-provi saljenti migjuba biex tigi ppruvata l-akkuza ta’ attentat ta’ serq u tal-hsara volontarja – ix-xhieda okulari ta’ Christine Muscat Azzopardi, din mehuda wkoll ma’ dak li stqarr l-imputat a tempo vergine. Certament din il-Qorti qieghda tiehu din in konsiderazzjoni - cioe’ l-ammissjoni tal-imputat anke ghaliex din mhix l-unika prova migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan ir-rigward.

Christine Muscat Azzopardi xehdet illi hija kienet gewwa l-hanut taghha u ta’ zewgha – Expressions, Tower Road, Sliema, hanut li jbiegh gazzetti, kotba, u magazines. Xehdet illi wara nofsinhar kienu jaghlqu bejn is-1.30pm u s-1.45pm. Baqghet l-ufficju taghmel l-accounts, mentri zewgha hareg ghad-deliveries. Spjegat illi kellha x-shutter imtella’, allura l-hanut kien fuq il-vetrina pero msakkar bi stand kbira tal-gazzetti warajh. Semghet hoss u marret tittawwal, rat guvni ftit mibni jmiss il-handle, wara ftit semghet “claqq” (folio 25), u sabet ruhha wara l-stand tal-gazzetti. Tiddeskrivi li rat ragel li gharfet bhala l-imputat bi crowbar f’idejh li rnexxielu jisgassa l-main lock tal-bieb, tant illi fetah il-bieb. Qalet illi malli ghamel il-mossa biex jiftah il-bieb, hi qabdet il-handle u gibdet ‘il gewwa mentri hu gibed ‘il barra. Staqsietu x’irid, spjegat illi nhasad, qallha “Sorry.”, dar kalm kalm, u telaq. Tghid illi baqghet

bil-handle f'idejha, ratu jidhol f'karozza u taghha hadet in-numru BAD716 li wara ghaddiet lill-pulizija. Il-hsara sofferta xehdet illi kienet Lm5.00 – lock.

Rat ukoll il-verbal tad-Difiza fejn ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' prova tal-identita' fil-konfront tas-sentenzi ezebiti.

Xejn izjed m'ghandha x'izzid din il-Qorti, hlief illi ssib htija ai termini tal-Artikoli 261, 267, 279, 41, 325, 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' disa'(9) xhur, multa fl-ammont ta' €500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------